SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Ir-Raba' Awla)

21 ta' Lulju 2016*

"Appell — Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Applikazzjoni għal trade mark verbali tal-Unjoni Ewropea English pink — Oppożizzjoni mill-proprjetarju tat-trade mark verbali PINK LADY u trade marks figurattivi li jinkludu l-elementi verbali "Pink Lady" — Ċaħda tal-oppożizzjoni — Deċiżjoni ta' qorti tat-trade marks tal-Unjoni Ewropea — Bidla — Awtorità ta' res judicata"

Fil-Kawża C-226/15 P,

li għandha bħala suġġett appell skont l-Artikolu 56 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, ippreżentat fit-18 ta' Mejju 2015,

Apple and Pear Australia Ltd, stabbilita fi Victoria (l-Awstralja),

Star Fruits Diffusion, stabbilita fi Caderousse (Franza),

irrappreżentati minn T. de Haan, avukat, u P. Péters, avukat,

appellanti,

il-partijiet l-oħra fil-kawża li huma:

L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO), irrappreżentat minn J. Crespo Carrillo, bħala aġent,

konvenut fl-ewwel istanza,

Carolus C. BVBA, stabbilita fi Nieuwerkerken (il-Belġju),

intervenjenti fl-ewwel istanza,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Ir-Raba' Awla),

komposta minn T. von Danwitz, President ta' Awla, K. Lenaerts, President tal-Qorti tal-Ġustizzja, li qiegħed jaġixxi bħala Imħallef tar-Raba' Awla, C. Lycourgos (Relatur), E. Juhász u C. Vajda, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: M. Bobek,

Reġistratur: V. Giacobbo-Peyronnel, Amministratur,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tal-4 ta' Frar 2016,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tat-13 ta' April 2016,

* Lingwa tal-kawża: il-Franċiż.

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 Permezz tal-appell tagħhom, Apple and Pear Australia Ltd u Star Fruits Diffusion jitolbu l-annullament tas-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tal-25 ta' Marzu 2015, Apple and Pear Australia u Star Fruits Diffusion vs UASI – Carolus C. (English pink) (T-378/13, iktar 'il quddiem is-"sentenza kkontestata", EU:T:2015:186), peress li, permezz ta' din is-sentenza, hija ċaħdet ir-rikors tagħhom intiż, prinċipalment, sabiex jirriforma d-deċiżjoni r-Raba' Bord tal-Appell tal-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea. (EUIPO) tad-29 ta' Mejju 2013 dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejniethom u Carolus C. BVBA (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni kkontestata").

Il-kuntest ġuridiku

2 Il-premessi 16 u 17 Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 207/2009 tas-26 ta' Frar 2009 dwar it-trade mark (ĠU 2009, L 78, p. 1) huma redatti kif ġej:

"(16) Id-deċiżjonijiet li jirrigwardaw il-validità u l-vjolazzjoni ta' trade marks [tal-Unjoni Ewropea] għandhom ikollhom effett u għandhom ikopru t-territorju kollu tal-Komunità, li huwa l-uniku mod kif wieħed jista' jipprevjeni deċiżjonijiet inkonsistenti minn naħa tal-qrati u tal-Uffiċċju u kif jista jiġi żgurat li l-karattru waħdieni tat-trade marks [tal-Unjoni Ewropea] ma jiġix imxejjen. Hemm id-disposizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 44/2001 tal-Kunsill tat-22 ta' Diċembru 2000 dwar il-ġurisdizzjoni, ir-rikonoxximent u l-infurzar tad-deċiżjonijiet ċivili u kummerċjali [ĠU L 12, 16.1.2001, p. 1] li għandhom japplikaw fil-każ ta' kull azzjoni skont il-liġi li tirrigwarda trade marks [tal-Unjoni Ewropea], ħlief fejn dan ir-Regolament jidderoga minn dawn ir-regoli.

(17) Deċiżjonijiet kontradittorji għandom jiġu evitati f'azzjonijiet li jinvolvu l-istess għemil u l-istess partijiet u li jirrigwardaw trade marks [tal-Unjoni Ewropea] u trade marks nazzjonali paralleli.[...]"

3 Konformement mal-Artikolu 6 tar-Regolament Nru 207/2009, it-trade mark tal-Unjoni Ewropea tinkiseb permezz ta' reġistrazzjoni.

4 L-Artikolu 8(1)(b) u (5) ta' dan ir-regolament jipprevedi:

"1. Jekk issir oppożizzjoni minn proprjetarju ta' trade mark preċedenti, l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' trade mark m'għandhiex tiġi milqugħa:

[...]

b) jekk minħabba identiċità jew xebħ bejn iż-żewġ trade marks u l-identiċità jew xebħ tal-prodotti jew servizzi koperti mit-trade marks teżisti probabiltà ta' konfużjoni minn naħa tal-pubbliku fit-territorju fejn it-trade mark preċedenti hija protetta; il-probabiltà ta' konfużjoni tinkludi wkoll il-probabiltà li ssir assoċjazzjoni mat-trade mark preċedenti.

[...]

5. Jekk issir oppożizzjoni minn proprjetarju ta' trademark preċedenti rreġistrata fit-tifsira tal-paragrafu 2, it-trademark li tkun saret applikazzjoni għaliha ma għandhiex tkun irreġistrata meta tkun identika jew simili għal trademark preċedenti, irrispettivament minn jekk l-oġġetti jew is-servizzi li għalihom issir applikazzjoni humiex identiċi jew simili għal dawk li għalihom tkun ġiet irreġistrata

trademark preċedenti jew jekk ma jkunux simili għalihom, meta, fil-każ ta' trademark preċedenti tal-UE, it-trademark ikollha reputazzjoni fl-Unjoni jew, fil-każ ta' trademark nazzjonali preċedenti, it-trademark ikollha reputazzjoni fl-Istat Membru kkonċernat, u meta l-użu mingħajr raġuni valida tat-trademark li għaliha tkun saret applikazzjoni jieħu vantaġġ inġust min-natura distintiva jew ir-reputazzjoni tat-trademark preċedenti, jew ikun ta' detriment għaliha."

5 L-Artikolu 9(1)(b) u (c) tal-imsemmi regolament jipprevedi:

"1. It-trade mark [tal-Unjoni Ewropea] tagħti lill-proprjetarju d-drittijiet esklussivi fiha. Il-proprjetarju għandu l-jedd li jipprojbixxi lit-terzi persuni kollha li ma jkollhomx il-kunsens tiegħu milli jużaw fil-kummerċ:

[...]

b) kull sinjal fejn, minħabba identiċità jew xebħ mat-trade mark [tal-Unjoni Ewropea] u l-identiċità jew xebħ mal-prodotti jew is-servizzi koperti mit-trade mark [tal-Unjoni Ewropea] u mis-sinjal, tkun teżisti probabbiltà ta' konfużjoni minn naħa tal-pubbliku; il-problabiltà ta' konfużjoni tinkludi wkoll il-probabbiltà li ssir assoċjazzjoni bejn is-sinjal u t-trade mark;

c) kull sinjal li huwa identiku għal jew li jixbaħ lit-trade mark [tal-Unjoni Ewropea] fir-rigward ta' prodotti jew servizzi li ma jixbħux lil dawk li għalihom it-trade mark [tal-Unjoni Ewropea] hija reġistrata, meta din tal-aħħar għandha reputazzjoni fil-Komunità u fejn l-użu mingħajr raġuni valida tas-sinjal ikun jieħu vantaġġ inġust, jew ikun ta' ħsara għall-karattru distintiv jew ir-reputazzjoni tat-trade mark [tal-Unjoni Ewropea]."

6 Konformement mal-parti introduttorja tal-Artikolu 41(1) tar-Regolament Nru 207/2009, f'terminu ta' tliet xhur wara l-pubblikazzjoni ta' applikazzjoni għal trademark tal-Unjoni Ewropea, tista' titressaq notifika ta' oppożizzjoni għar-reġistrazzjoni tat-trade mark fuq il-bażi li ma tistax tiġi rreġistrata taħt l-Artikolu 8 ta' dan ir-regolament.

7 L-Artikolu 42(5) tar-Regolament Nru207/2009 jipprevedi:

"Jekk l-eżaminazzjoni tal-oppożizzjoni tikxef li t-trade mark ma tistax tiġi reġistrata fir-rigward ta' xi ftit mill-prodotti jew servizzi li għalihom tkun saret applikazzjoni għal trademark tal-[Unjoni Ewropea], jew fir-rigward ta' kollha, l-applikazzjoni għandha tiġi miċħuda fir-rigward ta' dawk l-prodotti jew servizzi. F'każ kuntrarju l-oppożizzjoni għandha tiġi miċħuda."

8 Konformement mal-Artikolu 56(3) ta' dan ir-regolament, "[l-a]pplikazzjoni għal revoka jew għal dikjarazzjoni ta' invalidità hija inammissibli jekk applikazzjoni li tirrigwarda l-istess materja u l-istess kawża, u li tinvolvi lill-istess partijiet, tkun ġiet aġġudikata minn qorti fi Stat Membru u tkun saret *res judicata*."

9 Skont l-Artikolu 65(3) tal-imsemmi regolament, "[i]l-Qorti tal-Ġustizzja għandha ġurisdizzjoni li tannulla jew tbiddel id-deċiżjoni kontestata."

10 L-Artikolu 95(1) tal-istess regolament jipprevedi:

"L-Istati Membri għandhom jinnominaw fit-territorji tagħhom numru kemm jista' jkun limitat ta' qrati u tribunali nazzjonali tal-ewwel u tat-tieni istanza, minn issa msejjħa '[i]l-qrati tat-trade marks [tal-Unjoni Ewropea]', li għandhom jeżerċitaw il-funzjonijiet mogħtija lilhom minn dan ir-Regolament."

11 L-Artikolu 96 tar-Regolament Nru 207/2009 jipprevedi:

"Il-qrati tat-trade mark [tal-Unjoni Ewropea] għandhom ġurisdizzjoni esklussiva fuq:

a) kull kawża ta' vjolazzjoni u – jekk dawn huma permissibbli taħt il-liġi nazzjonali – kawżi dwar theddida ta' vjolazzjoni ta' trade marks [tal-Unjoni Ewropea];

[...]

c) kull kawża li tinfetaħ bħala konsegwenza tal-atti msemmija fl-Artikolu 9(3), it-tieni sentenza;

d) kull kontrotalba għal revoka jew għal dikjarazzjoni ta' invalidità ta' trade mark [tal-Unjoni Ewropea] skont l-Artikolu 100."

12 L-Artikoli 100(1), (2), (6), u (7) ta' dan ir-regolament jipprevedi:

"1. Kontrotalba għal revoka jew għal dikjarazzjoni ta' invalidità tista' tiġi ibbażata biss fuq ir-raġunijiet ta' revoka jew ta' invalidità msemmija f'dan ir-Regolament.

2. Il-qorti tat-trade marks [tal-Unjoni Ewropea] għandha tiċħad kontrotalba għal revoka jew għal dikjarazzjoni ta' invalidità jekk deċiżjoni meħuda mill-Uffiċċju li tinvolvi l-istess suġġett u l-istess kawża u li tinvolvi lill-istess partijiet tkun diġà saret finali.

[...]

6. Meta qorti tat-trade marks [tal-Unjoni Ewropea] tkun tat sentenza li tkun saret finali dwar kontrotalba għal revoka jew għall-invalidità ta' trade mark [tal-Unjoni Ewropea], kopja tas-sentenza għandha tintbagħat lill-Uffiċċju. Kull parti tista' titlob informazzjoni dwar din it-trasmissjoni. L-Uffiċċju għandu jsemmi s-sentenza fir-Reġistru tat-trade marks [tal-Unjoni Ewropea] skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament ta' Implimentazzjoni.

7. Il-qorti tat-trade marks [tal-Unjoni Ewropea] li tkun qiegħda tismal-kontrotalba għal revoka jew għal dikjarazzjoni ta' invalidità tista' tissospendi l-proċedimenti meta jsir rikors mill-proprjetarju ta' trade mark [tal-Unjoni Ewropea] u wara li tisma' lill-partijiet l-oħrajn u tista' titlob lill-konvenut sabiex jippreżenta applikazzjoni għal revoka jew għal dikjarazzjoni ta' invalidità lill-Uffiċċju fi żmien stabbilit minnha. Jekk l-applikazzjoni ma tiġix preżentata fiż-żmien stipulat, il-proċedimenti għandhom jitkomplew; il-kontrotalba għandha titqies li ġiet irtirata. Artikolu 104(3) għandu japplika f'dan il-każ."

13 L-Artikolu 109(2) u (3) tal-imsemmi regolament jipprevedi:

"2. Il-qorti li tkun qiegħda tisma' kawża ta' vjolazzjoni fuq il-bażi ta' trade mark [tal-Unjoni Ewropea] għandha tiċħad il-kawża jekk deċiżjoni finali fuq il-merti tkun ingħatat fuq l-istess kawża u bejn l-istess partijiet fuq il-bażi ta' trade mark nazzjonali identika u valida għal prodotti u servizzi identiċi.

3. Il-qorti li tkun qiegħda tisma' kawża ta' vjolazzjoni fuq il-bażi ta' trade mark nazzjonali għandha tiċħad il-kawża jekk deċiżjoni finali fuq il-merti tkun ingħatat fuq l-istess kawża u bejn l-istess partijiet fuq il-bażi ta' trade mark [tal-Unjoni Ewropea] identika u valida għal prodotti u servizzi identiċi."

Il-fatti li wasslu għall-kawża

14 Fit-13 ta' Ottubru 2009, Carolus C. ressqet talba għar-reġistrazzjoni ta' trade mark tal-Unjoni Ewropea lill-EUIPO, skont ir-Regolament Nru 207/2009. It-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni għal reġistrazzjoni hija s-sinjal verbali "English pink".

15 Il-prodotti li għalihom saret applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tat-trade mark jaqgħu taħt il-klassi 31 skont il-Ftehim ta' Nice dwar il-klassifikazzjoni internazzjonali ta' prodotti u servizzi għall-finijiet tar-reġistrazzjoni ta' trade marks, tal-15 ta' Ġunju 1957, kif irrivedut u emendat (iktar 'il quddiem il-"Ftehim ta' Nice"), u jikkorrispondu, b'mod partikolari, frott u ħxejjex friski.

16 Fl-20 ta' April 2010, l-appellanti ppreżentaw oppożizzjoni skont l-Artikolu 41 tar-Regolament Nru 207/2009, għar-reġistrazzjoni tat-trade mark inkwistjoni għall-istess prodotti.

17 L-oppożizzjoni kienet ibbażata fuq it-trade marks preċedenti li ġejjin:

— it-trade mark verbali tal-Unjoni Ewropea PINK LADY, irreġistrata fis-27 ta' Frar 2003 bin-Numru 2042679, li tiddeskrivi l-prodotti fil-klassi 31 u li jikkorrispondu għad-deskrizzjoni li ġejja: "Prodotti agrikoli, ta' ortikultura, inkluż frott, qamħ, pjanti u siġar, b'mod partikolari tuffieħ u siġar tat-tuffieħ";

— it-trade mark figurattiva tal-Unjoni Ewropea Nru°4186169, irreġistrata fil-15 ta' Diċembru 2005, irrappreżentata iktar 'il quddiem u li tiddeskrivi b'mod partikolari l-prodotti fil-klassi 31 u li jikkorrispondu għad-deskrizzjoni li ġejja: "Frott frisk; tuffieħ, siġar tal-frott; siġar tat-tuffieħ":



— it-trade mark figurattiva tal-Unjoni Ewropea Nru°6335591, irreġistrata fit-30 ta' Lulju 2008, irrappreżentata iktar 'il quddiem u li tiddeskrivi l-prodotti fil-klassi 31 u li jikkorrispondu għad-deskrizzjoni li ġejja: "Prodott agrikoli, ta' ortikultura, inkluż frott, qamħ, pjanti u siġar, b'mod partikolari tuffieħ u siġar tat-tuffieħ":



18 Ir-raġunijiet invokati sabiex isostnu l-oppożizzjoni kienu dawk imsemmija fl-Artikolu 8(1)(b) u (5) tar-Regolament Nru 207/2009.

19 Permezz tad-deċiżjoni tas-27 ta' Mejju 2011, id-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni tal-EUIPO ċaħdet l-oppożizzjoni.

20 Fis-7 ta' Ġunju 2011, ir-rikorrenti ppreżentaw appell quddiem il-EUIPO skont l-Artikoli 58 sa 64 tar-Regolament Nru 207/2009, kontra l-imsemmija deċiżjoni.

21 Permezz tas-sentenza tat-28 ta' Ġunju 2012, mogħtija wara kawża ta' vjolazzjoni ppreżentata mir-rikorrenti abbażi tat-trade marks verbali u figurattivi preċedenti tal-Unjoni Ewropea u tat-trade mark Benelux Nru°559177, it-tribunal de commerce de Bruxelles (il-qorti kummerċjali ta' Brussell) (il-Belġju), bħala l-qorti tat-trade marks [tal-Unjoni Ewropea], annullat it-trade mark Benelux ENGLISH PINK u pprojbit lil Carolus C. milli tuża l-imsemmija trade mark fl-Unjoni Ewropea. B'ittra tal-4 ta' Lulju 2012, ir-rikorrenti kkomunikaw l-imsemmija sentenza lill-EUIPO. Permezz ta' ittra tad-29 ta' Awwissu 2012, huma informawh li Carolus C. kienet qablet mas-sentenza u li din tal-aħħar għalhekk kienet saret definittiva.

22 Permezz tad-deċiżjoni kkontestata, ir-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO ċaħad ir-rikors tar-rikorrenti kontra d-deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni ta' dan l-Uffiċċju. Ir-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO, irrileva b'mod partikolari, li ma hemmx xebh bejn it-trade marks kunfliġġenti fuq il-livell viżwali, kunċettwali u fonetiku u kkonkluda li ma hemmx probabbiltà ta' konfużjoni.

23 Hija enfasizzat li d-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni tal-EUIPO kienet għamlet sunt korrett tal-kontenut tal-provi abbundanti prodotti mir-rikorrenti u kienet tat motivazzjoni xierqa għad-deċiżjoni tagħha li dawn il-provi kollha kienu insuffiċjenti u mhux konklużivi.

Il-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali u s-sentenza kkontestata

24 Permezz ta' rikors ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fit-23 ta' Lulju 2013, Apple and Pear Australia u Star fruits Diffusion ippreżentaw rikors intiż, prinċipalment, li jirriforma d-deċiżjoni kkontestata, u, sussidjarjament, għall-annullament ta' din id-deċiżjoni. Ir-rikorrenti talbu lill-Qorti Ġenerali, prinċipalment, li tirriforma din id-deċiżjoni u, sussidjarjament, li tannulla l-imsemmija deċiżjoni.

25 Insostenn ta' dan ir-rikors, hija qajmet seba' motivi. L-ewwel motiv, ibbażat fuq il-ksur tal-Artikolu 75 tar-Regolament Nru 207/2009, jirrigwarda l-assenza ta' motivazzjoni tad-deċiżjoni kkontestata dwar il-konsegwenzi li għandhom jinsiltu mis-sentenza tal-qorti kummerċjali ta' Brussell tat-28 ta' Ġunju 2012. It-tieni motiv huwa bbażat fuq il-ksur tal-prinċipju ta' awtorità ta' *res judicata* . Fil-kuntest tat-tielet motiv, ir-rikorrenti jinvokaw ksur tal-prinċipji ġenerali ta' ċertezza legali, ta' amministrazzjoni tajba u ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi. Ir-raba' motiv huwa bbażat fuq il-ksur tal-Artikolu 76 tar-Regolament Nru 207/2009. Il-ħames u s-sitt motivi huma bbażati fuq il-ksur rispettivament tal-Artikolu 8(1)(b) u tal-Artikolu 8(5) tar-Regolament Nru 207/2009. Is-seba' motiv huwa bbażat fuq il-ksur tal-Artikolu 75 tal-istess regolament peress li r-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO kien ibbaża d-deċiżjoni tiegħu fuq motivi li fir-rigward tagħhom il-partijiet ma setgħux jieħdu pożizzjoni.

26 Permezz tas-sentenza kkontestata, il-Qorti Ġenerali annullat id-deċiżjoni kkontestata peress li din tal-aħħar ma ħaditx inkunsiderazzjoni tass-sentenza tat-Tribunal de commerce de Bruxelles (il-qorti tal-kummerċ ta' Brussell) tat-28 ta' Ġunju 2012 u ma evalwatx l-impatt eventwali li din is-sentenza setgħet kellha fuq l-eżitu tal-proċedimenti ta' oppożizzjoni. Il-Qorti Ġenerali ċaħdet il-kumplament tar-rikors ta' Apple and Pear Australia u ta' Star fruits Diffusion. Fir-rigward tat-talbiet tar-rikorrenti intiżi li jirriformaw id-deċiżjoni kkontestata, il-Qorti Ġenerali ikkunsidrat, essenzjalment, fil-punti 68, 70 u 71 tas-sentenza kkontestata, li r-rikorrenti ma humiex fondati li jinvokaw l-awtorità ta' *res judicata* tas-sentenza tat-tribunal de commerce de Bruxelles (il-qorti tal-kummerċ ta' Brussell) tat-28 ta' Ġunju 2012 u, peress li r-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO naqas milli jieħu inkunsiderazzjoni l-imsemmija sentenza u li tevalwa l-impatt eventwali tiegħu fuq is-soluzzjoni tal-kawża, il-Qorti Ġenerali ma hijiex f'qagħda li tiddetermina d-deċiżjoni li dan il-Bord tal-Appell kellu jieħu u għaldaqstant ma setgħetx teżerċita s-setgħa tagħha ta' bidla ta' deċiżjoni.

It-talbiet tal-partijiet

27 Permezz tal-appell tagħhom, Apple and Pear Australia u Star Fruits Diffusion jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja:

— li tannulla s-sentenza kkontestata, peress li ċaħdet ir-rikors tagħhom intiż, prinċipalment, għall-bidla tad-deċiżjoni kkontestata;

— li tibdil id-deċiżjoni kkontestata, fis-sens li r-rikors ippreżentat mir-rikorrenti quddiem ir-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO huwa fondat u li, konsegwentement, għandha tintlaqa' l-oppożizzjoni tagħhom għar-reġistrazzjoni tal-applikazzjoni għat-trade mark tal-Unjoni Ewropea English pink, u

— tikkundanna lill-EUIPO li jbati l-ispejjeż kollha tal-appellanti marbutin kemm mal-proċedura tal-Appell kif ukoll ma' dawk tal-ewwel istanza.

28 L-EUIPO titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

— tiċħad l-appell, u

— li tikkundanna lil Apple and Pear Australia u Star Fruits Diffusion għall-ispejjeż.

Fuq l-appell

29 Insostenn tal-appell tagħhom, Apple and Pear Australia u Star Fruits Diffusion iqajmu tliet aggravji. L-ewwel aggravju huwa bbażat fuq il-ksur tal-prinċipju ta' awtorità ta' *res judicata*. It-tieni aggravju, huwa bbażat fuq il-ksur tal-prinċipji ġenerali ta' ċertezza legali, ta' amministrazzjoni tajba u ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi. It-tielet aggravju huwa bbażat fuq ksur tal-Artikolu 65(3) tar-Regolament Nru 207/2009.

Fuq l-ammissibbiltà

30 L-EUIPO jqis li l-appell huwa inammissibbli sakemm, kif isostnu l-appellanti, is-sentenza tat-tribunal de commerce de Bruxelles (il-qorti kummerċjali ta' Brussell) tat-28 ta' Ġunju 2012, li kienet qed taġixxi bħala qorti tat-trade marks tal-Unjoni Ewropea, kellha l-awtorità tar-*res judicata* u għaldaqstant kienet imposta kemm fuq ir-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO kif ukoll fuq il-Qorti Ġenerali.

31 Għandu jiġi kkonstatat, f'dan ir-rigward, li l-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà mqajma mill-EUIPO taqa' taħt l-evalwazzjoni tagħha fuq il-mertu tal-aggravji tal-appell. Fil-fatt, il-kwistjoni ta' jekk is-sentenza tat-tribunal de commerce de Bruxelles (il-qorti kummerċjali ta' Brussell) tat-28 ta' Ġunju 2012 kellhiex effettivament l-awtorità ta' *res judicata* u għaldaqstant kinitx timponi ruħha fuq ir-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO hija s-suġġett tal-analiżi fuq il-mertu tal-appell.

32 Għalhekk, l-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà mqajma mill-EUIPO għandha tiġi miċħuda.

Fuq il-mertu

Fuq l-ewwel u t-tieni aggravji

– L-argumenti tal-partijiet

33 Permezz tal-ewwel u t-tieni aggravji tagħhom, li għandhom jiġi kkunsidrati flimkien fid-dawl tal-fatt li huma relatati, l-appellanti jargumentaw li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi billi kkunsidrat li s-sentenza finali tat-tribunal de commerce de Bruxelles (il-qorti tal-kummerċ ta' Brussell) tat-28 ta' Ġunju 2012 ma hijiex biżżejjed sabiex jiġi ddeterminat li d-deċiżjoni li r-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO kellha tittieħed.

34 Huma jqisu, permezz tal-ewwel aggravju tagħhom li, billi ddeċieda, fil-punt 64 tas-sentenza kkontestata, li l-awtorità tar-*res judicata* la tapplika għall-Bord tal-Appell tal-EUIPO u lanqas għall-qorti tal-Unjoni fil-kuntest fil-kuntest tal-eżerċizzju tal-istħarriġ tal-legalità tagħha u tas-setgħa ta' bidla ta' deċiżjoni li hija għandha skont l-Artikolu 65(3) tar-Regolament Nru 207/2009, il-Qorti Ġenerali ħelset, mingħajr ġustifikazzjoni valida, mill-osservanza tal-prinċipju ġenerali tal-awtorità tar-*res judicata*. Huma jżidu, permezz it-tieni aggravju tagħhom li l-Qorti Ġenerali permezz tagħha, kisret il-prinċipji ġenerali ta' ċertezza legali, ta' amministrazzjoni tajba u ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi.

35 Permezz tal-ewwel argument tal-ewwel aggravju, l-appellanti jikkunsidraw li huwa żbaljat u nieqes mill-kompletezza li jiġi ikkunsidrat, kif qieset il-Qorti Ġenerali, fil-punti 59 u 63 tas-sentenza kkontestata, li l-legalità tad-deċiżjonijiet tal-Bordijiet tal-Appell tal-EUIPO għandha tiġi evalwata biss abbażi tar-Regolament Nru 207/2009, kif interpretata mill-qorti tal-Unjoni. Fil-fatt, l-EUIPO ma huwiex eżentat mill-osservanza tal-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni, li l-prinċipju tal-awtorità tar-*res judicata* jagħmel parti minnhom.

36 L-appellanti jikkunsidraw, permezz tat-tieni argument tal-ewwel aggravju, li kuntrarjament għal deċiżjoni amministrattiva mogħtija fil-kuntest ta' proċedimenti ta' oppożizzjoni, deċiżjoni ġudizzjarja, bħal dik tat-tribunal de commerce de Bruxelles (il-qorti tal-kummerċ ta' Brussell) tat-28 ta' Ġunju 2012, għandha l-awtorità tar-*res judicata*. F'dan ir-rigward, hija biss deċiżjoni definittiva tal-EUIPO fil-qasam ta' nullità jew ir-revoka ta' trade mark li tkun diġà ġiet irreġistrata li għandha l-awtorità tar-*res judicata* u li torbot il-qrati tat-trade marks tal-Unjoni Ewropea.

37 Permezz tat-tielet argument tagħhom tal-ewwel aggravju, l-appellanti jargumentaw li t-tribunal de commerce de Bruxelles (il-qorti kummerċjali ta' Brussell) iddeċidiet, bl-applikazjzoni tar-Regolament Nru 207/2009, fil-kuntest tas-sistema awtonoma tat-trade marks tal-Unjoni Ewropea li tifforma parti minnha. Din il-qorti, li taġixxi skont l-Artikolu 95 tar-Regolament Nru 207/2009, ikkonstatat l-eżistenza ta' probabbiltà ta' konfużjoni u ta' ksur ta' trade marks li għandhom reputazzjoni tal-appellanti b'applikazjzoni biss ta' dan ir-regolament. Għalhekk, il-projbizzjoni tal-użu tas-sinjal verbali "English pink" ġiet iddikjarata għat-territorju kollu tal-Unjoni Ewropea sabiex tipproteġi d-drittijiet tal-appellanti li jirriżultaw mid-dritt tal-Unjoni.

38 L-appellanti jargumentaw li, b'differenza għas-sitwazzjoni li waslet għas-sentenza Emram vs UASI – Guccio Gucci (G) (T-187/10, EU:T:2011:202), il-partijiet fil-proċedura quddiem it-tribunal de commerce de Bruxelles (il-qorti kummerċjali ta' Brussell) u quddiem il-EUIPO huma l-istess, jaġixxu fl-istess kapaċità u li jibbażaw ruħhom fuq l-istess drittijiet b'applikazzjoni biss tar-Regolament Nru 207/2009, fir-rigward tal-istess sinjal verbali kkontestat.

39 Permezz tar-raba' argument tal-ewwel aggravju, l-appellanti jirrilevaw li l-premessa 17 kif ukoll l-Artikolu 109(2) u (3) ta' dan ir-regolament jikkonfermaw li l-indipendenza tas-sistema awtonoma tat-trade marks tal-Unjoni Ewropea għandha ċċedi quddiem il-prinċipju ġenerali tal-awtorità tar-*res judicata*.

40 Permezz tal-ħames argument tagħhom tal-imsemmi aggravju, l-appellanti jsostnu li, kuntrarjament għal dak li ddeċidiet il-Qorti Ġenerali, fil-punti 60 u 63 tas-sentenza kkontestata, l-assenza ta' dispożizzjonijiet speċifiċi fir-Regolament Nru 207/2009 li jindikaw li l-EUIPO huwa marbut, fil-kuntest ta' proċedimenti ta' oppożizzjoni, minn deċiżjoni ta' qorti tat-trade marks tal-Unjoni Ewropea ma tistax tiġġustifika r-rifjut tal-applikazzjoni tal-prinċipju tal-awtorità tar-*res judicata*.

41 F'dan ir-rigward, l-appellanti huma tal-fehma li r-rifjut tal-Qorti Ġenerali li jibdel id-deċiżjoni kkontestata huwa iktar u iktar iġġustifikat minn kull struttura ġenerali, l-għanijiet u l-finalità tar-Regolament Nru 207/2009 jeħtieġu li d-deċiżjonijiet finali tal-qrati tat-trade marks tal-Unjoni Ewropea ma humiex ikkontestati mill-EUIPO, u bil-maqlub, b'mod partikolari dawk mogħtija "bejn l-istess partijiet".

42 Permezz tas-sitt argument tal-ewwel aggravju, l-appellanti jenfasizzaw li l-projbizzjoni ġudizzjarja deċiża mit-tribunal de commerce de Bruxelles (il-qorti tal-kummerċ ta' Brussell) tirrigwarda l-użu tas-sinjal verbali "English pink" fl-Unjoni kollha. Il-Qorti Ġenerali, f'dan ir-rigward, wettqet żball ta' liġi billi kkunsidrat, b'mod partikolari, fil-punti 63 u 65 tas-sentenza kkontestata, li l-proċedura ġudizzjarja għal vjolazzjoni kienet intiża biss għal trade mark nazzjonali jew li kelli biss bħala għan l-annullament tat-trade mark tal-Benelux ENGLISH PINK u l-projbizzjoni li jsir użu minn din it-trade mark.

43 L-appellanti jargumentaw, permezz tas-seba' argument tagħhom ta' dan l-aggravju, li, kuntrarjament għal dak li ddikjarat il-Qorti Ġenerali, fil-punti 65 sa 68 tas-sentenza kkontestata, il-kawża u s-suġġett tal-kawża għall-vjolazzjoni miċħuda mit-tribunal de commerce de Bruxelles (il-qorti tal-kummerċ ta' Brussell) u tal-kawża għall-vjolazzjoni pendenti fil-forma ta' proċedimenti ta' oppożizzjoni quddiem il-EUIPO huma identiċi. Għalhekk, il-Qorti Ġenerali, b'mod żbaljat, irrifjutat l-applikazzjoni tal-prinċipju tal-awtorità tar-*res judicata*, kif rifless fir-Regolament Nru 207/2009 u fir-Regolament Nru 44/2001.

44 Fil-fatt, fir-rigward ta' dawn iż-żewġ kawżi, li jqisu r-regola legali invokata bħala bażi tat-talba, l-appellanti jikkunsidraw li din ma tvarjax skont l-enumerazzjoni tal-artikoli jew tal-paragrafi invokati. F'dan ir-rigward, tgħodd biss il-bażi legali, jiġifieri l-kunċett legali applikabbli. Madankollu, f'dan il-każ, il-"probabbiltà ta' konfużjoni" u l-"ksur ta' trade mark tal-Unjoni Ewropea li għandha reputazzjoni", skont ir-Regolament Nru 207/2009, ġew invokati kemm quddiem it-tribunal de commerce de Bruxelles kif ukoll quddiem il-EUIPO. Jirrigwardaw żewġ kunċetti uniċi li jinsabu fir-regolament kollu, indipendentement mill-enumerazzjoni tad-diversi artikolu tal-imsemmi regolament.

45 Fir-rigward tas-suġġett, li huwa l-fini tat-talba, l-appellanti huma tal-fehma li dan ma jistax jiġi limitat għall-identità formali ta' talba. It-talba quddiem il-EUIPO u dik quddiem it-tribunal de commerce de Bruxelles huma intiżi sabiex jirrikonoxxu, b'applikazzjoni tar-Regolament Nru 207/2009, id-dannu li jikkawża s-sinjal verbali "English pink" lid-drittijiet esklużivi tal-appellanti fuq it-trade marks tal-Unjoni Ewropea preċedenti tagħhom. Għalhekk, is-suġġett taż-żewġ talbiet huwa l-istess, jiġifieri li tiġi ddeterminata r-responsabbiltà ta' Carolus C. Fil-ksur tad-drittijiet tal-appellanti. F'dan ir-rigward, il-fatt li l-awtoritajiet jissanzjonaw b'mod differenti l-istess għan, jiġifieri, minn naħa, mill-projbizzjoni tal-użu tas-sinjal verbali "English pink" bħala trade mark Benelux u, min-naħa l-oħra, mir-rifjut tar-reġistrazzjoni tas-sinjal verbali "English pink" bħala trade mark tal-Unjoni Ewropea, ma jbiddilx is-suġġett fih innifsu.

46 Il-EUIPO jikkunsidra li l-ewwel u t-tieni aggravji għandhom jiġu miċħuda bħala infondati.

– Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

47 Permezz l-ewwel u t-tieni aggravji, l-appellanti jargumentaw, essenzjalment, li s-sentenza tat-tribunal de commerce de Bruxelles (il-qorti tal-kummerċ ta' Brussell) tat-28 ta' Ġunju 2012 għandha l-awtorità ta' *res judicata* u li, konsegwentement, din is-sentenza tapplika għar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO li eżamina talba għal oppożizzjoni kontra r-reġistrazzjoni tas-sinjal verbali "English pink" bħala trade mark tal-Unjoni Ewropea.

48 Għandu jiġi rrilevat mill-bidu nett li, kif josserva l-avukat ġenerali fil-punt 51 tal-konklużjonijiet tiegħu, l-ebda dispożizzjoni tar-Regolament Nru 207/2009 ma tittratta s-sitwazzjoni proċedurali li taqa' taħt din il-kawża, jiġifieri l-interazzjoni bejn, minn naħa waħda, kawża ta' vjolazzjoni mibdija quddiem il-qorti tat-trade marks tal-Unjoni Ewropea fir-rigward ta' trade mark preċedenti tal-Unjoni Ewropea u ta' trade mark nazzjonali u, min-naħa l-oħra, proċedimenti ta' oppożizzjoni għar-reġistrazzjoni ppreżentati quddiem tal-EUIPO ibbażati fuq l-istess trade mark preċedenti tal-Unjoni Ewropea u l-istess sinjal tat-trade mark nazzjonali li fir-rigward tagħha tintalab ir-reġistrazzjoni fil-livell tal-Unjoni. B'mod iktar speċifiku, li l-Qorti Ġenerali, kif irrilevat fil-punt 60 tas-sentenza kkontestata, ir-Regolament Nru 207/2009 ma fih ebda dispożizzjoni skont liema l-organi tal-EUIPO huma marbuta minn deċiżjoni ta' qorti tat-trade marks tal-Unjoni Ewropea deċiża fil-kuntest ta' kawża għall-vjolazzjoni, li saret finali, fil-kuntest tal-eżerċizzju tal-kompetenzi tagħhom fil-qasam ta' reġistrazzjoni tat-trade marks tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari peress li jeżaminaw oppożizzjoni għar-reġistrazzjoni ta' trade mark.

49 Minħabba f'hekk, jirriżulta, b'mod partikolari mill-premessi 16 u 17 tal-imsemmi regolament li l-leġiżlatur tal-Unjoni stabbilixxa mekkaniżmi intiżi li jiggarantixxu l-protezzjoni uniformi tat-trade mark tal-Unjoni Ewropea fit-territorju kollu tal-Unjoni, li jikkonferma għalhekk in-natura unitarja tat-trade mark tal-Unjoni Ewropea. Kif indikat il-Qorti Ġenerali, fil-punt 58 tas-sentenza kkontestata, il-leġiżlatur tal-Unjoni ħoloq f'dan il-kuntest, il-qrati tat-trade marks tal-Unjoni Ewropea li għandhom ġurisdizzjoni sabiex jiddikjaraw projbizzjonijiet ta' atti ta' vjolazzjoni jew theddida ta' vjolazzjoni ta' trade mark tal-Unjoni Ewropea li testendi fuq it-territorju kollu tal-Unjoni.

50 Min-naħa l-oħra, mir-Regolament Nru 207/2009 u, b'mod partikolari, mit-Titolu IV tiegħu, dwar il-proċedura ta' reġistrazzjoni ta' trade mark tal-Unjoni Ewropea, jirriżulta li l-EUIPO għandu ġurisdizzjoni esklużiva fil-qasam ta' reġistrazzjoni u ta' oppożizzjoni għal din ir-reġistrazzjoni ta' trade mark tal-Unjoni. Il-Qorti Ġenerali osservat, ġustament, fil-punt 63 tas-sentenza kkontestata, li l-EUIPO huwa l-uniku organu li huwa awtorizzat mil-leġiżlatur tal-Unjoni li jeżimina l-applikazzjonijiet għal reġistrazzjoni u, għaldaqstant, jawtorizza jew jirrifjuta r-reġistrazzjoni ta' trade mark tal-Unjoni Ewropea. L-assenza ta' dispożizzjonijiet li jipprevedu li l-organi tal-EUIPO, meta jeżerċitaw il-ġurisdizzjoni tagħhom fuq ir-reġistrazzjoni ta' trade mark tal-Unjoni Ewropea jew l-oppożizzjoni għal din ir-reġistrzzjoni, huma marbuta minn deċiżjoni li tkun saret finali ta' qorti tat-trade marks tal-Unjoni Ewropea, tirriżulta għaldaqstant bħala konsegwenza tan-natura esklużiva tal-EUIPO f'dan il-qasam.

51 Barra dan, għandha tiġi mfakkra l-importanza li għandu l-prinċipju tar-*res judicata*, kemm fl-ordinament ġuridiku tal-Unjoni Ewropea kif ukoll fl-ordinamenti ġuridiċi nazzjonali. Fil-fatt, sabiex jiġu ggarantiti kemm l-istabbiltà tad-dritt u tar-relazzjonijiet ġuridiċi kif ukoll l-amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja, huwa importanti li ma jkunx possibbli li jitqiegħdu iktar fid-dubju d-deċiżjonijiet ġudizzjarji li jkunu saru definittivi wara li jkunu ġew eżawriti d-drittijiet ta' appell disponibbli jew wara li jkunu skadew it-termini previsti għal dawn id-drittijiet (ara s-sentenzi tal-10 ta' Lulju 2014, Impresa Pizzarotti, C-213/13, EU:C:2014:2067, punt 58, u tas-6 ta' Ottubru 2015, Târșia, C-69/14, EU:C:2015:662, punt 28).

52 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li, anki jekk ir-Regolament Nru 207/2009 ma jiddefinixxix espressament il-kunċett ta' "awtorità tar-*res judicata*", jirriżulta, b'mod partikolari, mill-Artikolu 56(3) u mill-Artikolu 100(2) ta' dan ir-regolament li jimponi, bil-għan li d-deċiżjonijiet ta' qorti ta' Stat

Membru jew tal-EUIPO li jkunu saru definittivi għandhom l-awtorità ta' *res judicata* u għaldaqstant jistgħu jorbtu tali qorti jew lill-EUIPO, li l-proċeduri paralleli quddiemhom kellhom l-istess partijiet, l-istess suġġett u l-istess kwistjoni.

53 Peress li huwa stabbilit li l-proċeduri quddiem it-tribunal de commerce de Bruxelles (il-qorti kummerċjali ta' Brussell) u quddiem ir-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO jinvolvi l-istess partijiet, konsegwentement, għandu jiġi vverifikat jekk dawn il-proċeduri għandhomx l-istess suġġett.

54 F'dan il-każ, is-suġġett, jiġifieri l-pretensjonijiet, rispettivi tal-kawżi eżaminati mit-tribunal de commerce de Bruxelles (il-qorti kummerċjali ta' Brussell) u mill-EUIPO ma humiex identiċi. Fil-fatt, is-suġġett tal-kawża ta' vjolazzjoni quddiem din il-qorti kien l-annullament tat-trade mark Benelux ENGLISH PINK u l-projbizzjoni milli jsir użu minn din it-trade mark fit-territorju tal-Unjoni, filwaqt li s-suġġett tal-proċedimenti quddiem il-EUIPO kien l-oppożizzjoni għar-reġistrazzjoni tat-trade mark tal-Unjoni Ewropea English pink.

55 L-appellanti jargumentaw, f'dan ir-rigward, li l-proċeduri kkonċernati jista' jkollhom l-istess suġġett anki jekk ikun hemm talbiet li huma formalment differenti. It-talba quddiem il-EUIPO u dik quddiem it-tribunal de commerce de Bruxelles (il-qorti kummerċjali ta' Brussell) huma intiżi li jirrikonoxxu, b'applikazzjoni tar-Regolament Nru 207/2009, id-danni li jikkawża s-sinjal verbali "English pink" ta' Carolus C. Għad-drittijiet esklużivi tal-appellanti fuq it-trade marks tal-Unjoni Ewropea preċedenti tagħhom. Għalhekk, is-suġġett ta' dawn iż-żewġ talbiet huwa l-istess, jiġifieri li tiġi ddeterminata r-responsabbiltà ta' Carolus C. Fil-ksur tad-drittijiet tal-appellanti.

56 Tali allegazzjoni ma tistax tintlaqa'. Fil-fatt, fir-rigward, minn naħa waħda, tar-reġistrazzjoni ta' trade mark bħala trade mark tal-Unjoni Ewropea, hija intiża, kif jirriżulta mill-Artikolu 6 tar-Regolament Nru 207/2009, li tikseb tali trade mark tal-Unjoni Ewropea. Għalhekk, l-oppożizzjoni ta' tali reġistrazzjoni għandha bħala suġġett li tipprekludi li l-applikant tal-imsemmi reġistrazzjoni jista' jikseb it-trade mark inkwistjoni. F'dan ir-rigward, konformement għall-Artikolu 42(5) ta' dan ir-regolament, wara l-eżami tal-oppożizzjoni tar-reġistrazzjoni, jew l-applikazzjoni għal reġistrazzjoni tat-trade mark hija miċħuda għal prodotti jew servizzi kollha jew parti minnhom li għalihom l-imsemmija trade mark intalbet, jew l-oppożizzjoni hija miċħuda.

57 F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-appellanti ma jistgħux jallegaw li l-proċedimenti ta' oppożizzjoni għar-reġistrazzjoni intiża li tiġi ddeterminata r-responsabbiltà ta' Carolus C. Fil-ksur tad-drittijiet esklużivi tagħhom fuq it-trade marks tal-Unjoni Ewropea preċedenti tagħhom.

58 Għal dak li jirrigwarda, minn naħa l-oħra, il-kawża ta' vjolazzjoni mibdija quddiem il-qorti nazzjonali li qed taġixxi bħala qorti tat-trade marks tal-Unjoni Ewropea, il-proprjetarju tat-trade mark tal-Unjoni Ewropea preċedenti hija intiża, fil-kuntest ta' tali kawża, sabiex din il-qorti tipprojbixxi l-użu ta' sinjal li joħloq probabbiltà ta' konfużjoni ma' dak tat-trade mark tal-Unjoni Ewropea preċedenti. Għalhekk, il-proprjetarju tat-trade mark tal-Unjoni Ewropea jipprova jattribwixxi r-responsabbiltà tal-awtur tal-vjolazzjoni fil-ksur tad-drittijiet esklużivi tiegħu.

59 F'dan il-każ, peremezz ts-sentenza tat-tribunal de commerce de Bruxelles (il-qorti tal-kummerċ ta' Brussell) tat-28 ta' Ġunju 2012, l-appellanti kisbu l-annullament tat-trade mark Benelux ENGLISH PINK, kif ukoll il-projbizzjoni tal-użu ta' dan is-sinjal fl-Unjoni Ewropea.

60 Jekk hu minnu li, b'mod partikolari, fil-punti 10 u 65 tas-sentenza kkontestata, il-Qorti Ġenerali, b'mod żbaljat, iddeskriviet din il-projbizzjoni tal-użu tat-trade mark Benelux ENGLISH PINK fit-territorju tal-Unjoni, din l-ineżattezza ma tikkontestax il-konklużjoni fil-punt 54 ta' din is-sentenza skont liema s-suġġetti rispettivi tal-kawżi eżaminati mit-tribunal de commerce de Bruxelles (il-qorti tal-kummerċ ta' Brussell) u mill-EUIPO ma humiex identiċi u, għaldaqstant, l-imsemmija ineżatezza ma tistax tannulla s-sentenza kkontestata.

61 Għandu jiġi rrilevat, li l-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddistingwiet, minkejja li f'kuntest fattwali differenti, is-suġġett tal-kawżi għal vjolazzjoni, għall-dikjarazzjoni ta' invalidità u fil-qasam ta' reġistrazzjoni, li jirriżulta mir-Regolament Nru 207/2009, fis-sens li l-possibbiltà, għal proprjetarju ta' trade mark tal-Unjoni Ewropea preċedenti, li jressaq kawża għal vjolazzjoni kontra l-proprjetarju ta' trade mark tal-Unjoni Ewropea sussegwenti ma tistax trendi invalida la t-talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità quddiem l-EUIPO u lanqas il-mekkaniżmi ta' stħarriġ minn qabel disponibbli fil-kuntest tal-proċedura ta' reġistrazzjoni tat-trade marks tal-Unjoni Ewropea (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-21 ta' Frar 2013, Fédération Cynologique Internationale, C-561/11, EU:C:2013:91, punt 48).

62 Fil-fatt, fid-dawl tal-kompetenza esklużiva tal-organi tal-EUIPO sabiex jawtorizzaw jew jirrifjutaw ir-reġistrazzjoni ta' trade mark tal-Unjoni Ewropea, imfakkra fil-punt 50 ta' din is-sentenza, kull proċedura quddiem il-EUIPO dwar ir-reġistrazzjoni ta' trade mark tal-Unjoni Ewropea jew l-oppożizzjoni għal din ir-reġistrazzjoni għandha neċessarjament suġġett differenti minn kull proċedura li tirriżulta quddiem qorti nazzjonali, anki meta l-imsemmija qorti taġixxi bħala qorti tat-trade marks tal-Unjoni Ewropea.

63 Għalhekk, għandu jiġi kkonstatat li l-proċeduri quddiem it-tribunal de commerce de Bruxelles u quddiem il-EUIPO għandhom suġġetti distinti u li, il-Qorti Ġenerali ma wettqitx żball ta' liġi meta kkonstatat dan il-fatt. Peress li ċ-ċirkustanzi dwar l-identità tal-partijiet, is-suġġett u l-kwistjoni huma kumulattivi, tali konstatazzjoni hija suffiċjenti sabiex jiġi konkluż fl-assenza ta' awtorità tar-*res judicata* tas-sentenza tat-tribunal de commerce de Bruxelles (il-qorti tal-kummerċ ta' Brussell) tat-28 ta' Ġunju 2012 fir-rigward tad-deċiżjoni kkontestata.

64 Konsegwentement, il-Qorti Ġenerali setgħet tiddeċiedi, mingħajr ma twettaq żball ta' liġi, li l-prinċipju tal-awtorità tar-*res judicata* ma għandux bħala konsegwenza li r-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO huwa marbut bis-sentenza tat-tribunal de commerce de Bruxelles (il-qorti tal-kummerċ ta' Brussell) tat-28 ta' Ġunju 2012.

65 Konsegwentement, l-ewwel u t-tieni aggravji għandhom jiġu miċħuda bħala infondati.

Fuq it-tielet motiv

66 Permezz tat-tielet aggravju tagħhom, l-appellanti jargumentaw li l-Qorti Ġenerali kisret l-Artikolu 65(3) tar-Regolament Nru 207/2009 billi jirrifjutaw li jbiddlu d-deċiżjoni kkontestata. L-appellanti jikkunsidraw li kemm ir-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO kif ukoll il-Qorti Ġenerali għandhom jiddeċiedu fl-istess sens tas-sentenza tat-tribunal de commerce de Bruxelles (il-qorti tal-kummerċ ta' Brussell) tat-28 ta' Ġunju 2012 skont il-prinċipju ġenerali tal-awtorità tar-*res judicata* u tal-prinċipji ġenerali ta' ċertezza legali, ta' amministrazzjoni tajba u ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi.

67 Kif fakkret il-Qorti Ġenerali fil-punt 56 tas-sentenza kkontestata, is-setgħa ta' bidla rrikonoxxut mill-Qorti Ġenerali ma għandux bħala effett li jagħtiha s-setgħa li tisostitwixxi l-evalwazzjoni tagħha għal dik tal-Bord tal-Appell tal-EUIPO u, lanqas, li twettaq evalwazzjoni li fuqha l-Bord tal-Appel għadu ma ħax pożizzjoni (is-sentenza tal-5 ta' Lulju 2011, Edwinvs UASI, C-263/09 P, EU:C:2011:452, punt 72).

68 Għaldaqstant, il-fatt jekk it-tielet jintlaqax jiddependi, kif jirrikonoxxu l-appellanti fl-appell tagħhom, fuq il-fondatezza tal-pożizzjoni sostnuta minnhom skont liema r-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO għandu d-dmir li jiddeċiedi fl-istess sens tat-tribunal de commerce de Bruxelles (il-qorti tal-kummerċ ta' Brussell). Madankollu, miċ-ċaħda tal-ewwel u t-tieni aggravji jirriżulta li mhux il-każ.

69 Għaldaqstant, it-tielet aggravju għandu jiġi miċħud bħala infondat.

70 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti jirriżulta li peress li l-ebda mill-aggravji ma ntlaqa', l-appell għandu jiġi miċħud fl-intier tiegħu.

Fuq l-ispejjeż

71 Skont l-Artikolu 184(2) tar-Regoli tal-Proċedura, meta appell ma jkunx fondat, il-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi dwar l-ispejjeż. Skont l-Artikolu 138(1) ta' dawn ir-regoli, li sar applikabbli għall-proċedura tal-appell bis-saħħa tal-Artikolu 184(1) tal-istess regoli, kull parti li titlef għandha tiġi kkundannata għall-ispejjeż, jekk dawn ikunu ntalbu.

72 Peress li l-EUIPO talab għall-kundanna tal-appellanti u dawn tal-aħħar tilfu fit-talbiet tagħhom, hemm lok li jiġu kkundannati għall-ispejjeż.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Ir-Raba' Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) L-appell huwa miċħud.

2) Apple and Pear Australia Ltd u Star Fruits Diffusion huma kkundannati għall-ispejjeż.

Firem